MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 460/1998/1

Margaret **GRIMA**

vs

Vinċenza **BORĠ** u b'degriet tal-5 ta' Marzu, 2001, l-Avukat Anthony Ellul u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi nħatru kuraturi biex jirrappresentaw lill-interdetta Vinċenza Borġ fl-atti ta' din il-kawża; u aktar tard l-Avukat Anthony Farruġia Sacco nħatar kuratur sostitut tal-interdetta Vinċenza Borġ minflok l-Avukat Anthony Ellul li nħatar Maġistrat; u b'degriet tad-29 ta' Settembru, 2006, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Grace Azzopardi, Carmelo u Franċesco, aħwa Borġ, sas-sehem bejniethom ta' tlieta minn ħamest ($^{3}/_{5}$) ishma mhux maqsuma tal-wirt tal-imsemmija oħthom Vinċenza Borġ;  u favur Emanuel,

Anthony, George, Nicholas, Maria Dolores, Grace Micallef, Tereża, Imelda Beżżina, Joseph, Mary, Natalizia, Victoria, Tarċisio u Carmen Beżżina, lkoll aħwa Gatt, sas-sehem bejniethom ta' wieħed minn ħamest ($^{1}/_{5}$) ishma mhux maqsuma tal-wirt tal-imsemmija Vinċenza Borġ; u fil-persuna ta' Joseph, Emanuela Cauchi u Mary Calleja, aħwa Borġ, sas-sehem tagħhom ta' sehem minn ħamest ($^{1}/_{5}$) ishma li jifdal tal-wirt tal-imsemmija zithom Vinċenza Borġ, u dan minħabba l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża; u b'degriet tas-26 ta' Frar, 2010, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Maria Borġ u wliedha Antonia Fenech u Emanuela *sive* Mariella Bonniċi, aħwa Borġ, wara l-mewt tal-imħarrek Carmelo Borġ fil-mori tal-kawża; u b'degriet tat-30 ta' Ġunju, 2011, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Josephine Gauċi, Paul, Carmelo, Margaret Grima, Maria Barbara, u Oreste, aħwa Azzopardi, wara l-mewt ta' ommhom Grace Azzopardi fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Marzu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li hija tat serviġi u għajnuna lill-imħarrka u lil oħtha Ġiovanna Borġ u għalhekk jistħoqqilha l-ħlas ta' kumpens għal dak li hija għamlet magħhom; (b) tillikwida l-ammont xieraq li jirrappreżenta l-ħlas lilha ta' kumpens mistħoqq għal dawk is-serviġi; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrka biex tħallasha l-kumpens hekk likwidat. Talbet wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Vinċenza Borġ fit-23 ta' Marzu, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ma kien minnu xejn li l-attriċi wettqet magħha serviġi kif trid il-liġi u, f'każ li tabilħaqq saru xi serviġi, dawn saru minħabba l-qrubija bejnha u l-attriċi ("*familiaritatis causa*"). Żiedet tgħid li dwar dik il-pretensjoni tal-attriċi, jrid jittieħed ukoll qies taż-żmien li hija (l-imħarrka) kienet rikoverata fi sptar u wkoll ta' matul iż-żmien meta l-attriċi kienet tkun imsiefra. Fl-aħħarnett, dwar is-serviġi pretiżi kontra oħtha, Ġiovanna Borġ, qalet

li ma jistax jintalab kumpens għal dawk is-serviġi li saru aktar minn ħames snin qabel infetħet il-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Mejju, 1999[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi mressqa mill-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' April, 2001[2], li bih ħassret il-ħatra mogħtija lill-Assistent Ġudizzjarju sakemm jintemmu l-proċeduri mibdija quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għall-interdizzjoni tal-imħarrka[3];

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2004[4], li bih reġgħet ħatret lill-Avukat Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tkompli tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mismugħa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Jannar, 2007[5] mill-aħwa Gatt (kuġini tal-attriċi) u l-oħra mressqa dak inhar ukoll[6] minn Grazia Azzopardi (ommha) li biha, wara li assumew l-atti tal-kawża sas-sehem relattiv tagħhom mill-wirt ta' zithom l-imħarrka Vinċenza Borġ, ammettew it-talbiet attriċi safejn dawn huma indirizzati lilhom bħala mħarrkin li assumew l-atti tal-kawża bħala werrieta tal-istess imħarrka skond il-liġi (minħabba li mietet intestata);

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Frar, 2011[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 43 tal-proċess
[3] Rikors Nru. 685/99
[4] Paġ. 59 tal-proċess
[5] Dok "PF", f'paġ. 122 tal-proċess
[6] Dok "PF1", f'paġ. 123 tal-proċess
[7] Paġ. 452 tal-proċess

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fid-29 ta' April, 2011[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Francesco Borġ fl-20 ta' Ġunju, 2011[9], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2011[10], li biha l-avukat difensur tal-imħarrkin l-oħrajn iddikjarat li kienet qiegħda taderixxi mas-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrek Francesco Borġ bħallikieku kienu s-sottomissjonijiet magħmulin mill-patroċinati tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll dawk tal-kawża (Ċitazz. Nru. 365/98JRM) li kienet qiegħda tinstema' ma' din;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi. L-attriċi tgħid li għamlet numru ta' snin iddur bi tnejn miz-zijiet tagħha aħwa min-naħa ta' l-omm, b'waħda minnhom sa mewtha u bl-imħarrka sa wara li ddaħħlet f'dar tax-xjuħ. Minkejja li t-tnejn kienu jwiegħduha l-ħlas dan baqa' ma sarx. Billi l-imħarrka wirtet ukoll lil oħtha li mietet qabilha, l-attriċi qiegħda tfittixha biex tikkumpensaha ta' kemm daret biha u b'oħtha bla ma tħallset għal dak kollu li għamlet magħhom u minkejja l-wegħda li saritilha mill-imħarrka li tikkumpensaha;

[8] Paġġ. 453 sa 465 tal-proċess
[9] Paġġ. 466 sa 470 tal-proċess
[10] Paġ. 477 tal-proċess

Illi l-imħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi, fl-ewwel lok, qalet li dak li l-attriċi għamlet magħha u m'oħtha ma kienx serviġi kif magħrufa mil-liġi, imma f'kull każ, l-għajnuna li ngħatat kienet minħabba l-qrubija ta' bejniethom. Fit-tieni lok, kien hemm żmien meta jew l-attriċi kienet imsiefra u ma kenitx tingħata l-ebda għajnuna, u kif ukoll kien hemm żmien meta l-imħarrka kienet rikoverata l-isptar u ma kien ikollha bżonn l-ebda għajnuna mingħand l-attriċi. Fit-tielet lok, dwar il-pretensjoni tas-serviġi fir-rigward ta' oħtha, laqgħet billi qanqlet il-kwestjoni tal-preskrizzjoni ta' kull pretiż servizz li ngħata lil oħtha aktar minn ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi l-Qorti tirrileva li l-atti ta' din il-kawża mxew flimkien ma' l-atti ta' kawża oħra marbuta magħha u fejn l-attriċi f'dik il-kawża – li tiġi prima kuġina mal-attriċi f'din il-kawża – wkoll ressqet pretensjonijiet ta' ħlas għal serviġi kontra l-istess imħarrka[11]. Ix-xhieda li tgħodd għal din il-kawża jinsabu fl-atti ta' dik il-kawża. Minkejja dan, il-Qorti kellha biċċa xogħol iebsa tqabbel ix-xhieda fiż-żewġ kawżi minħabba li, għalkemm kienu ilhom mexjin flimkien, sa Mejju tal-2007 l-Assistent Ġudizzjarju kienet iżżomm seduti f'dati differenti għas-smigħ tal-provi fiż-żewġ kawżi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi hija neputija tal-imħarrka, li kienet tiġi oħt omm l-attriċi. Għal xi żmien, kemm l-imħarrka u oħtha, li kien jisimha Ġiovanna, kienu jgħixu flimkien ġo dar fi Sqaq iċ-Ċagħki (illum iġġib l-isem Triq San Patrizju), ir-Rabat. Fl-1987 Ġiovanna Borġ taha attakk tal-qalb u ddaħħlet fi sptar, u wara li ngħatat il-kura meħtieġa, reġgħet marret tgħix m'oħtha fid-dar tagħhom. Ġiovanna Borġ mietet fit-18 ta' Ġunju, 1997. L-imħarrka kienet werrieta universali ta' oħtha;

Illi l-attriċi hija miżżewġa b'tifla waħda u toqgħod ftit 'il bogħod mid-dar fejn kienet toqgħod l-imħarrka u oħtha. Hija tgħid li bdiet iddur b'zijietha sa mill-1987[12]. Kienet iddur bihom matul il-jum f'kulma kienu jeħtieġu, iżda billejl kienet tmur torqod magħhom kuġintha Natalizia Gatt (l-

[11] Ċitazz. Nru. 365/98JRM li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll
[12] Affidavit tagħha 31.5.1999, f'paġġ. 14 – 5 tal-proċess

attriċi fil-kawża l-oħra li nstemgħet flimkien ma' din). L-attriċi tgħid li kienet ukoll issajrilhom, taħslilhom ħwejjiġhom u tnaddfilhom darhom, tixtrilhom il-mediċini u toħodhom għand it-tobba. Aktar m'għadda ż-żmien, l-imħarrka bdiet turi sinjali ta' tensjoni u telf ta' memorja u kienet tagħtiha battikati bit-thewdin tagħha u ġieli tat is-salt biex toħroġ mid-dar f'ħinijiet mhux tas-soltu. F'xi żmien matul l-1997, l-imħarrka ddaħħlet f'dar għax-xjuħ;

Illi wara li l-imħarrka ħatret lil neputija oħra tagħha – l-imħarrka Joyce Borġ – bħala prokuratriċi tagħha, fl-24 ta' Settembru, 1997, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrka biex titlobha tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens għas-serviġi li wettqet magħha u ma' oħtha. Billi l-imħarrka ma wettqitx dak mitlub minnha fl-ittra uffiċjali, fil-bidu ta' Marzu tal-1998, l-attriċi fetħet din il-kawża;

Illi bis-saħħa ta' degriet mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar, 2001, fuq talba magħmula fl-1999 (jiġifieri fil-mori ta' din il-kawża) minn Tereża Gatt, kuġina tal-attriċi, l-imħarrka kienet interdetta u l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' kuraturi maħturin għaliha minn dik il-Qorti. L-imħarrka mietet intestata[13] fis-17 ta' April, 2006[14] u, minħabba li l-wirt tagħha nfetaħ skond il-liġi, l-atti tal-kawża għaddew fuq ħutha (li kienu għadhom ħajjin sa dak inhar) u n-neputijiet tagħha (ulied ħutha li mietu qabilha);

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> xieraq li l-Qorti tagħmel żewġ osservazzjonijiet mill-bidunett, li iżda jinfluwenzaw sewwa ċ-ċirkostanzi li hija trid iżżomm quddiem għajnejha biex tasal għall-ġudizzju tagħha. L-ewwel waħda hi li din l-azzjoni twieldet fil-qafas ta' kwestjoni qadima fi ħdan familja kbira. Minn ħdan familja waħda miġbura madwar id-dar fejn ilkoll trabbew sebat aħwa, maż-żmien nibtet il-pika li qasmet lil dik l-istess familja min-nofs, bil-bniet fuq naħa u s-subien fuq l-oħra, u ż-żewġ xebbiet (l-imħarrka u oħtha) "jiżfnu" fin-nofs, il-mira tal-interessi rispettivi taż-żewġ fazzjonijiet. Mill-provi fl-atti tal-kawża ħareġ li, aktar m'għadda ż-

[13] Dokti "B" u "Ċ", f'paġġ. 97 – 8 tal-proċess
[14] Dok "A", f'paġ. 96 tal-proċess

żmien, aktar ħraxet it-taqbida bejn iż-żewġ naħat[15], li donnhom riedu jagħmlu l-almu tagħhom biex "jikkapparraw" liż-żewġ xebbiet bit-tama li l-ġid miġmugħ minnhom jispiċċa għandhom u mhux in-naħa l-oħra. Għalhekk, ix-xhieda li toħroġ turi din it-taqbida, b'naħa tmaqdar lill-oħra u tattribwilha l-ħsara li daħlet f'din il-familja, minbarra li tipprova toskura – imqar b'allegazzjonijiet ta' mard, tbagħbis mal-ġid (serq) u difetti – lin-naħa l-oħra. F'ċirkostanzi bħal dawn, xogħol il-Qorti jsir itqal biex tagħraf min qed jgħid is-sewwa u fejn tabilħaqq hu s-sewwa;

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minħabba dak li għadu kemm ingħad, meta mietet l-imħarrka ġara li dawk li wirtuha kienu l-istess qraba li kienu mqabdin ma' xulxin. Ġara, għalhekk, li meta omm l-attriċi assumiet l-atti tal-kawża dwar is-sehem tagħha mill-wirt ta' oħtha l-imħarrka (li, qabel, kienet wirtet lil oħtha x-xebba, Ġiovanna), ma damet xejn biex ammettiet it-talbiet attriċi li saru minn bintha. L-istess għamlu l-kuġini tagħha, l-aħwa Gatt. Legalment dan ifisser li l-Qorti ma tistax ma tilqax it-talbiet attriċi safejn dawn ġew ammessi minn uħud mill-imħarrkin. Il-kontestazzjoni tal-imħarrkin l-oħrajn u l-kwestjoni tal-piż tal-prova li riedet twettaq l-attriċi fil-konfront tagħhom huma l-konsiderazzjonijiet li jonqosha tagħmel il-Qorti biex tara jekk it-talbiet attriċi ireġux kontra tagħhom ukoll;

Illi, fil-qofol, l-imħarrkin iqanqlu tliet linji ta' kontestazzjoni. Dawn huma (i) li dak li setgħet għamlet l-attriċi ma jikkwalifikax bħala serviġi li tagħhom jistħoqqilha l-ħlas ta' kumpens; (ii) li f'kull każ, minħabba l-grad ta' qrubija, ma hemmx lok għal kumpens; u (iii) li, fil-każ tal-wirt ta' Ġiovanna Borġ, li t-talba għall-kumpens laħqet waqgħet minħabba l-għeluq taż-żmien preskrittiv minn mewtha;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ dawn il-kontestazzjonijiet aktar 'l isfel, flimkien mal-apprezzament tal-provi mressqa;

[15] Xhieda ta' Joyce Borġ 6.2.2006, f'paġ. 80 tal-proċess

Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[16]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[17] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[18];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[19];

Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[20];

Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas,

---

[16] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (mhix pubblikata)

[17] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

[18] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)

[19] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***

[20] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***

jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha[21];

Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[22];

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi tat is-servizzi** lill-imħarrka u lil oħtha. Dan huwa każ fejn ix-xhieda mressqa tikkonsisti l-aktar f'dik tal-partijiet u xi qraba immedjati tagħhom. Ma jistax jonqos li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fiha ngħatat dik ix-xhieda u dwar dak li l-Qorti semmiet aktar qabel dwar ir-retroxena fi ħdan il-familja tal-imħarrka, toħroġ stampa ta' verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin bejn dak li tgħid l-attriċi u x-xhieda mressqin minnha u dak li jgħidu x-xhieda mressqa mill-imħarrkin. Ingħad f'każ bħal dan li "l-konflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant"[23]. Jigi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għal kollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li "*onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*"[24]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, l-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali

[21] P.A. JSP **29.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Farruġia et vs Anthony Camilleri et*** (mhix pubblikata)
[22] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***
[23] P.A. MCC **24.11.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Rokku Farruġia***
[24] App.Inf. 22.11.2002 fil-kawża fl-ismijiet *Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*

fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din ċ-ċertezza morali f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha (u kif ukoll meta tqis il-provi li joħorġu mill-kawża l-oħra li kienet qiegħda tinstama' magħha) joħroġ li dar l-imħarrka u oħtha kienet post li fih kienu deħlin u ħerġin il-bosta membri tal-familja, aħwa, neputijiet u pro-neputijiet.  Dan żgur baqa' jsir sakemm damet ħajja omm l-imħarrka li kienet baqgħet bid-drawwa li mill-borma tagħha jiekol kull min ikun id-dar. Din id-drawwa kienet mgħejjuna wkoll mill-fatt li wħud mill-imħarrkin kienu jżommu xi bhejjem fl-għerien li kien hemm mal-bitħa tal-istess post.  Minbarra dan, kemm l-imħarrka u kif ukoll uħud mill-istess membri tal-familja kienu għamlu żmien jagħtu servizzi ta' tindif u ħasil ta' ħwejjeġ lil komunita' ta' reliġjużi li kellha l-kunvent tagħha fl-inħawi fil-qrib.  Fuq kollox, bosta mill-partijiet f'din il-kawża (kemm l-attriċi u kif ukoll uħud mill-imħarrkin jew min daħal fil-kawża minflokhom) baqgħu jgħixu fi djar tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mid-dar li fiha kienu baqgħu joqogħdu l-imħarrka w oħtha;

Illi, minkejja dan kollu, wieħed m'għandux iwarrab minn quddiem għajnejh li, fi żmien partikolari (wara l-mewt ta' Marija Borġ, omm l-imħarrka), l-qagħda tal-imħarrka u ta' oħtha nbidlet.  Minħabba tensjonijiet li bdew kulma jmur jinħalqu bejn l-aħwa, saħħet l-imħarrka u saħħet oħtha marru lura.  Ċirkostanza medika partikolari li kienet laqtet lill-imħarrka snin qabel jidher li reġgħet għolliet rasha. Dan minbarra kundizzjonijiet oħrajn li wasslu biex oħt l-imħarrka tiddaħħal l-isptar u tibqa' teħtieġ għajnuna kontinwa wara li ntbagħtet lura d-dar.  Din kienet għajnuna li talbuha kemm l-imħarrka u kemm oħtha.  Il-fatt li kienu mdaħħla fiż-żmien ma kienx qiegħed jgħinhom u ċerta mġiba tagħhom kienet tnissel tħassib fost qrabathom;

Illi kien f'dan ix-xenarju li l-attriċi tgħid li daħlet biex tibda tagħti s-servizzi tagħha, mhux biss bħala qariba li żżur lil zijietha, imma bħala qariba li mpenjat ruħha biex tindukrahom f'dak li kienu jeħtieġu u wara li wieħed minn

zijietha – l-imħarrek Francesco Borġ – kien qalilha li ħutu (jiġifieri l-imħarrka w oħtha) ma kinux aktar ta' waħedhom u li wliedu ma kenux imħajrin jidħlu għall-intrigu. Dawn is-servizzi kienu jingħataw minkejja li l-attriċi kienet miżżewġa u trabbi tifla. Skond l-attriċi u x-xhieda tagħha, kienu servizzi li jitolbu użu ta' ħin u saħansitra sagrifiċċju ta' rabta bejn is-sejħat tal-familja tagħha u l-ħtiġijiet tal-imħarrka u ta' oħtha. Dawn is-servizzi kienu jinkludu x-xiri u l-għoti f'ħinhom ta' pilloli li kemm l-imħarrka u kif ukoll oħtha kienu jieħdu matul il-jum, il-ħasil u t-tindif tad-dar tagħhom, il-ħasil ta' ħwejjiġhom u ta' xi bjankerija jew purtieri tad-dar, iż-żamma ta' kumpannija f'ħinijiet matul il-jum, ix-xiri ta' ħtiġijiet, it-tisjir regolari (li kien isir fid-dar tal-attriċi u mbagħad jinġarr għand zijietha). Jidher li l-għajnuna tkompliet b'mod limitat ukoll meta l-imħarrka daħlet fid-dar tax-xjuħ u dan sakemm l-attriċi twaqqfet milli tkompli tagħmel dan. Ħareġ ukoll li l-impenn tal-attriċi kien xi drabi jwassal ukoll biex ikollha titlob l-għajnuna ta' ħutha biex jieħdu ħsieb lil bintha (billi jeħduhielha l-iskola u jżommuha għandhom wara l-iskola sakemm tkun impenjata għand l-imħarrka u oħtha) ħalli tkun tista' tlaħħaq ma' dak li jkollha tagħmel ma' zijietha;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li l-attriċi ma kienet tagħmel xejn li ma kienx isir minnhom ukoll[25]. Huma jgħidu li l-attriċi kienet tmur għand iz-zijiet biex tistrieħ wara li tkun għamlet il-faċendi fid-dar ta' ommha[26]. Fl-istess waqt, jisħqu li z-zijiet baqgħu jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom infushom sal-aħħar u f'kulma kienu jeħtieġu u li l-imħarrka kienet bniedma fitta u duttura li ma tħalli 'l ħadd jagħmlilha xejn. Jgħidu li dak tal-attriċi (u ta' ommha u ħutha) ma kien xejn għajr indħil u sindikar imħeġġeġ maħsub biex ma jmurx xiħadd iwebbel lill-imħarrka jew lil oħtha li jerħu xi ftit mill-ġid tagħhom lil ħaddieħor. Iqisu lill-attriċi u lil ħutha (u lill-kuġini Gatt) bħala "*chaperones*" tal-imħarrka w oħtha. Itennu b'qawwa li d-dar fejn l-attriċi tgħid li kienet tagħti l-għajnuna kienet post ċkejken li ma kienx jitlob xi sforz ta' barra min hawn biex idduru sewwa u żżommu nadif. Iressqu 'l quddiem iċ-ċirkostanza li l-għajnuna li l-imħarrka kienet teħtieġ u li kienet tingħatalha

[25] Xhieda ta' Emanuela Cauchi 1.7.2008, f'paġ. 207 tal-proċess
[26] Xhieda tal-imħarrek Francesco Borġ 21.5.2008, f'paġ. 187 tal-proċess

kienet issir minn Joyce Borġ u mhux mill-attriċi u li l-imħarrek Carmelo Borġ kien baqa' jgħinhom f'kulma jeħtieġu ladarba kien ikun fid-dar kuljum;

Illi l-Qorti fliet b'reqqa din ix-xhieda kollha u tasal għall-fehma li ma tistax toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrkin. It-tmaqdir li jirrikorru għalih l-imħarrkin ma jreġix ħdejn ix-xhieda li taw meta tressqu fil-kontro-eżami. Hemm għarfien ukoll tal-preżenza tal-attriċi fil-ħajja tal-imħarrka u ta' oħtha (ukoll jekk din il-preżenza jpinġuha bħala kontroll soffokanti li ma jħallilhomx wisgħa biex jistgħu jitkellmu bil-kwiet ma' zijiethom jew li saħansitra twerwer lill-istess imħarrka w oħtha). Hemm stqarrija li l-imħarrka ddaħħlet id-dar tax-xjuħ għaliex min kien jgħinha u "kienu qegħdin jieħdu ħsiebha"[27] – l-attriċi u kuġintha Natalizia Gatt – ma laħaqx it-tir tiegħu li jwebbel lill-imħarrka li tagħmel it-testment favurih u għalhekk waqaf milli jkompli jagħti l-għajnuna. Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xhieda turi żewġ rejaltajiet li l-imħarrkin jidher li jaċċettaw: l-ewwel waħda hija li tabilħaqq l-attriċi (u kuġintha) kienu meqjusa bħala l-persuni, minn fost il-qraba kollha, li kienu qegħdin iduru bl-imħarrka u b'oħtha; it-tieni waħda hi li dan kienu qegħdin jagħmluh bil-ħsieb li jingħataw kumpens;

Illi l-Qorti tista' tibqa' sejra fit-tul tislet minn hawn u minn hemm fost ix-xhieda mressqa, iżda jidhrilha li l-fehma tagħha tista' tissawwar fuq dak li ngħad s'issa. Issemmi biss ix-xhieda tal-unika persuna li ma kenitx membru tal-familja. Dan ix-xhud – it-tabib Misael Cassar – kien it-tabib kuranti tal-imħarrka, u bniedem li fix-xhieda tiegħu kien diskret daqskemm skjett[28]. Kien hu li qal li, kull meta kien iżur lill-imħarrka u lil oħtha, kien jilmaħ lill-attriċi (u lil kuġintha) u lilha jagħti struzzjonijiet dwar l-għoti tal-mediċini lill-imħarrka u lil oħtha;

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta l-argument imressaq mill-imħarrek Franċesco Borġ fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu fis-sens li dak li għamlet l-attriċi ma kien xejn aktar minn kontinwazzjoni tas-solidarjeta' li ommha kienet turi ma' ħutha (l-imħarrka w oħtha) sa minn dejjem. Lanqas

[27] Xhieda ta' Carmen Ċiantar 9.10.2008, f'paġ. 280 tal-proċess
[28] Xhieda tiegħu 14.4.2005, f'paġġ. 87 – 8 tal-atti tal-kawża 365/98JRM

ma tiswa s-sottomissjoni li l-attriċi għażlet li tagħmel dan minn rajha u setgħet ma ntrigatx. Filwaqt li dawn l-argumenti jidher li jittradixxu l-allegazzjoni li bejn omm l-attriċi u l-imħarrka w oħtha kien hemm relazzjoni bierda (saħansitra allegaw li omm l-attriċi kienet xerrdet il-kelma ma' terzi li l-imħarrka kienet "miġnuna"[29]), xejn ma jnaqqsu mill-fatt li l-għajnuna li l-attriċi tat lill-imħarrka u lil oħtha kienet ħidma li ntalbet u ntlaqgħet mill-istess persuni li saret magħhom. B'żieda ma' dan, il-fatt li s-serviġi jinbnew fuq il-kważi-kuntratt, l-element tal-volontarjeta' f'min jagħti s-servizz ma jċaħħdux mill-jedd li jistenna l-effetti tar-rabta li tinħalaq mal-parti mgħejjuna[30]. Minbarra dan, u għar-raġunijiet li ssemmew qabel, kienet għajnuna li titlob impenn fuq medda ta' żmien li tmur lil hinn mis-solidarjeta' li kienu juru qraba oħrajn (fosthom l-imħarrkin) u li kieku saret minn barranin imqabbdin apposta kienet tinvolvi nefqiet u ħlasijiet mhux żgħar. Fuq kollox, kif irriżulta wkoll, kienet għajnuna li saret bit-tama li jingħata kumpens;

Illi minn dawn il-provi joħroġ fi grad tajjeb biżżejjed biex il-Qorti tista' tasal għall-fehma li l-attriċi tassew tat servizzi lill-imħarrka Vinċenza Borġ u lil oħtha Ġiovanna u kif ukoll li dak il-qadi li wettqet kien jinvolvi sens ta' sagrifiċċju, impenn u wkoll ċaħda. Dawn is-serviġi mwettqa fuq medda ta' żmien kienu ta' fejda u ġid għall-istess imħarrka w oħtha u li l-istess kienu aċċettawhom u kienu jagħrfu li ngħatawlhom. Joħroġ ukoll li l-attriċi għamlet dan bil-ħsieb li tingħata kumpens;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib li tirriżulta ippruvata kif imiss;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ il-kwestjoni ta' **liema huwa ż-żmien rilevanti li jmissu jitqies biex jitkejjel il-kumpens dovut lill-attriċi** qabel ma tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lilha. F'dan il-każ, sejra tqis ukoll is-siwi tat-**tieni eċċezzjoni** tal-imħarrka li trid li l-Qorti tillimita ż-żmien fir-rigward ta' Ġiovanna Borġ għall-aħħar ħames snin qabel mietet u,

[29] Xhieda ta' Joyce Borġ 19.2.2009, f'paġ. 334 tal-proċess
[30] Art. 1012 tal-Kap 16

f'kull każ, sakemm infetħet il-kawża; filwaqt li dwar l-imħarrka, saż-żmien li daħlet tgħix fid-dar għax-xjuħ;

Illi l-imħarrka ssejjes din l-eċċezzjoni tagħha fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa l-artikolu tal-liġi li sa minn ħafna żmien ilu l-Qrati tagħna sabu li jistabilixxi ż-żmien preskrittiv għal talbiet dwar ħlas ta' serviġi mwettqa[31];

Illi f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi r-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin[32]. Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien[33]. Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna mgħejjuna[34]). Madankollu wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħti lilu;

Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xiħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[35]. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[36], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu[37];

---

[31] App. Ċiv. **23.1.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLII.i.66**); App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**) u P.A. JSP **21.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla*** (mhix pubblikata) fost l-oħrajn
[32] App. Ċiv. **4.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.285**)
[33] Art. 2151(1) tal-Kap 16
[34] Ara, per eżempju, P.A. **22.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Sacco et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.342**)
[35] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)
[36] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[37] Ara P.A. LFS **17.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et*** (mhix appellata)

Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel[38]. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm[39]. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha[40];

Illi mix-xhieda li tinsab fl-atti, l-Qorti ssib li filwaqt li wħud mill-imħarrkin li daħlu fil-kawża minflok l-imħarrka jammettu li din kienet tgħid magħhom li l-attriċi jistħoqqilha titħallas, l-imħarrka (u dawk l-oħrajn li ma jaqblux mal-attriċi) jiċħdu dan. Hemm xhieda li turi li Ġiovanna Borġ kienet tisħaq li oħtha (l-imħarrka) tħallas lill-attriċi, imma din kienet tgħidilha li "tax-xogħol li qiegħda tagħmel trid titħallas ta' dan"[41], iżda din hija xhieda ta' bint l-attriċi. Huwa x'aktarx indikattiv li wħud mill-imħarrkin li ma jaċċettawx il-pretensjonijiet tal-attriċi xehdu li zithom l-imħarrka kienet tgħidilhom li lill-attriċi kienet tħallasha jew li saħansitra li l-attriċi titħallas b'idejha. Imma l-kwestjoni li tqum hija jekk dan kollu jsarrafx fi stqarrija tal-għarfien tad-dejn min-naħa ta' min kien mgħejjun tajba biżżejjed biex tikser il-preskrizzjoni li kienet bdiet miexja[42]. Il-Qorti hija tal-fehma li minħabba l-kontestazzjoni formali mressqa mill-imħarrka (l-persuna nnifisha li kienet mgħejjuna mil-attriċi), ma jistax jingħad li kien hemm rinunzja taż-żmien preskrittiv min-naħa tal-imħarrka u li, għalhekk, iż-żmien li jrid jitqies mill-Qorti hu tal-aħħar

---

[38] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)

[39] Maġ (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanna Ħili vs Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)

[40] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġeorge Sciberras et vs Josephine mart Leonard Spiteri et***

[41] Xhieda ta' Graziella Grima 16.9.2010, f'paġ. 424 tal-proċess

[42] Ara art. 2133 tal-kap 16

ħames snin qabel l-24 ta' Settembru, 1997 (jum meta l-attriċi interpellat b'ittra uffiċjali);

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li din l- eċċezzjoni tal-imħarrkin għandha titqies tajba f'dan ir-rigward u dwar it-talba attriċi għall-ħlas tal-kumpens għandu jittieħed qies biss taż-żmien ta' ħames snin qabel intbagħat dak l-att ġudizzjarju. Fil-każ ta' Ġiovanna Borġ, minħabba li din mietet f'Ġunju tal-1997, il-kejl irid ikun taż-żmien bejn Settembru tal-1992 sa Ġunju tal-1997 (jiġifieri mitejn u sebgħa u erbgħin (247) ġimgħa). L-attriċi tgħid li s-serviġi lill-imħarrka kompliethom ukoll wara li nfetħet il-kawża u fiż-żmien li l-imħarrka kienet daħlet tgħix fid-dar għax-xjuħ. Minbarra li l-provi f'dan ir-rigward m'humiex ċari biżżejjed u minħabba li ħareġ li, wara li l-imħarrka kienet qabbdet lil Joyce Borġ bi prokuratriċi tagħha, l-attriċi bilkemm tħalliet tibqa' tkellem lill-imħarrka, l-Qorti sejra tqis iż-żmien sa dak inhar li nfetħet il-kawża (li jaqbel bejn wieħed u ieħor maż-żmien meta l-imħarrka daħlet tgħix fid-dar għax-xjuħ), b'żieda maż-żmien maħluq bl-interpellazzjoni ġudizzjarja (jiġifieri mitejn u tlieta u tmenin (283) ġimgħa);

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi**, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[43] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) l-grad ta' ħila jew speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija;

Illi dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-attriċi, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta'

[43] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

impenn mhux traskurabbli. Dwar dan, il-Qorti diġa' tat il-konsiderazzjonijiet tagħha waqt li kienet qiegħda tqis l-ewwel talba attriċi. Dwar il-ġid ta' l-imħarrka w oħtha, l-provi mressqa jikkonsistu fid-dikjarazzjoni "*causa mortis*" li saret wara l-mewt ta' Ġiovanna Borġ[44] li minnu jirriżulta l-valur indikat tal-art li kellha sehem minnha (nofs indiviż), il-kontijiet bankarji f'isem l-imħarrka[45], u kif ukoll id-dikjarazzjoni "*causa mortis*"[46] li saret f'Ottubru tal-2006 xi ġimgħat wara l-mewt tal-imħarrka;

Illi l-għaref difensur tal-attriċi issottomettiet li, meħud qies tal-għamla tas-serviġi mogħtija, kumpens ta' ħmistax-il euro (€ 15) kuljum ikun xieraq. Għalkemm l-imħarrek Francesco Borġ jikkontesta dan l-ammont bħala wieħed sproporzjonat, il-Qorti ma ssibx li dan hu hekk, l-aktar meta wieħed qiegħed iqis li dik il-pretensjoni tirrigwarda s-serviġi mogħtija lil żewġ persuni f'salt. Fil-kejl li sejra tagħmel, għalhekk, il-Qorti sejra taqsam dik ir-rata ta' kuljum indaqs fuq kull waħda mill-imħarrka u oħtha, għaż-żmien kalkolabbli kif ingħad qabel;

Illi bi tħaddim ta' dan il-kejl u wara li qieset il-fatturi kollha fuq imsemmija fid-dawl tal-provi mressqa, l-Qorti qiegħda tistabilixxi kumpens li jrid jitħallas lill-attriċi fir-rigward tal-mejta Ġiovanna Borġ fis-somma ta' tnax-il elf disa' mija u sebgħa u sittin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 12,967.50)[47], filwaqt li dak dovut lill-attriċi mingħand l-imħarrka jitla' għal erbatax-il elf tmien mija u sebgħa u ħamsin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 14,857.50)[48];

Illi ladarba l-attriċi hija waħda mill-werrieta tal-persuna li magħha saru s-serviġi, trid terfa' s-sehem tagħha mill-ammont ta' kumpens hawn fuq likwidat. Huwa aċċettat li l-kreditu maħluq bil-kumpens għal serviġi mogħtija lil persuna li tkun mietet qabel ma jkun tħallas dak il-kumpens, huwa dejn li jgħabbi l-wirt ta' dik il-persuna u mhux lill-werrieta personalment[49]. Kemm hu hekk, meta l-

---

[44] Dok f'paġ. 142 tal-Atti tal-Kawża 365/98JRM
[45] Dokti "AG" u "AG1", f'paġġ. 94 sa 109 tal-Atti tal-Kawża 365/98JRM
[46] Dok "PF2", f'paġġ. 134 – 140 tal-proċess
[47] €7.5 x 7 x 247 = € 12,967.50
[48] €7.5 x 7 x 283 = € 14,857.50
[49] P.A. JZM **30.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Pulis et vs Anthony Lia et*** (mhix appellata)

persuna li tkun tat is-serviġi hija wkoll werrieta tal-persuna mgħejjuna, dan huwa wieħed mill-konsiderazzjonijiet dwar qrubija li l-Qorti trid tagħmel hi u tillikwida l-kumpens mistħoqq[50];

Illi dan ifisser li, mill-ammonti ta' kumpens likwidat lill-attriċi aktar 'il fuq, hija trid terfa' sehemha wkoll minn dak id-"dejn" li hija wirtet. L-attriċi hija waħda minn sitt (6) aħwa wlied Grazia Azzopardi li, mill-wirt tal-imħarrka u ta' oħtha miġburin flimkien, kellha sehem ta' kwint ($^1/_5$) mhux maqsum. Dan ifisser li l-attriċi trid terfa' sehem minn tletin ($^1/_{30}$) mis-somma lilha likwidata. Dan iġib li l-kumpens dovut lill-attriċi huwa ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 26,897.50)[51];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attriċi wettqet serviġi lill-imħarrka Vinċenza Borġ u lil oħtha Giovanna Borġ li kienu ta' ġid għalihom u li dwarhom l-istess attriċi jistħoqqilha l-għoti ta' kumpens;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka** limitatament għall-kejl taż-żmien li jrid jitqies dwar il-kumpens dovut u ssib li l-azzjoni attriċi hija milquta bil-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, iżda tiċħad l-istess eċċezzjoni dwar il-bqija;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi għas-serviġi li hija wettqet ma' zijietha Vinċenza u Ġiovanna aħwa Borġ fis-somma ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 26,897.50);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrkin werrieta, jħallsu lill-attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u sebgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 26,897.50) hekk likwidata u dan kull wieħed skond il-kwota rispettiva

[50] P.A. RCP **30.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Katerina Caruana vs Ġużeppa Caruana et*** (mhix appellata)
[51] €27,825 - € 927.50 = € 26,897.50

tiegħu, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Tordna li l-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------